



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2017
COM(2017) 585 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**It-Tielet Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE
u l-Kolombja u l-Perù**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-Tielet Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù

1. INTRODUZZJONI

L-2016 kienet ir-raba' sena tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie applikat proviżorjament mal-Perù minn Marzu 2013 u mal-Kolombja minn Awwissu tal-2013².

Il-Ftehim ra l-ewwel emenda tiegħu mal-Protokoll tal-Adeżjoni tal-Kroazja fl-UE. Wara t-tlestija tal-proċedura ta' ratifika mill-Perù fis-6 ta' April 2017, il-Protokoll daħal fis-seħħ mal-Perù fl-1 ta' Mejju 2017.

Il-Ftehim ra wkoll it-tieni emenda tiegħu mal-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Ekwador, li ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2017. Il-proċess ta' ratifika fil-Kolombja u l-Perù kif ukoll fl-Istati Membri tal-UE għadu għaddej³.

F'konformita mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra⁴ (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament"), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-obbligi tal-Ftehim u r-Regolament. Ir-rapport jirrispondi għal dan ir-rekwiżit.

2. METODOLOĠIJA UŻATA GĦALL-ANALIŻI

L-analiżi tal-flussi kummerċjali bilaterali hija bbażata fuq paragun bejn id-data tal-EUROSTAT għar-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Ftehim (sena kalendarja 2016) mad-data tas-sena kalendarja li tippreċedi immedjatament il-Ftehim (2012). Għall-kummerċ fis-servizzi u l-flussi u l-istokks tal-investimenti, l-analiżi hija bbażata fuq *data* annwali sal-2015.

Globalment għandu jiġi nnutat li l-kawżi għall-fluttwazzjoni tal-flussi kummerċjali jirriflettu għadd ta' fatturi u ma jistgħux jiġu attribwiti biss għall-eżistenza jew il-grad ta' avvanz fl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

¹ ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.

² <http://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/agreements-conventions/agreement/?aid=2011057>

³ <http://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/agreements-conventions/agreement/?aid=2016044>

⁴ ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1.

3. L-EVOLUZZJONI TAL-KUMMERĊ (MINN SENA GĦAL SENA U MILL-BIDU TAL-APPLIKAZZJONI PROVIŻORJA)

3.1 Il-Kummerċ ta' Prodotti

Il-Kolombja


L-UE hija t-tieni sieħeb kummerċjali tal-Kolombja, wara l-Istati Uniti tal-Amerika. Wara żieda bejn l-2012 u l-2014, il-kummerċ bejn l-UE u l-Kolombja naqas f'dawn l-aħħar sentejn. Dan jidher prinċipalment minħabba tnaqqis fid-domanda esterna fil-Kolombja u t-tnaqqis fil-prezzijiet internazzjonali tal-komoditajiet, li affettwaw l-esportazzjoni tal-prodotti minerali mill-Kolombja. Filwaqt li l-kummerċ bilaterali fl-2016 kien 23,5 % inqas milli fl-2012, il-kummerċ totali tal-Kolombja mal-bqija tad-dinja naqas b'madwar 36 % matul l-istess perjodu.

Fl-2016, il-kummerċ bilaterali kien jammonta għal EUR 10,8 biljun meta mqabbel ma' EUR 14,2 biljun fl-2012, li rriżulta f'surplus żgħir tal-kummerċ għall-UE għall-ewwel darba f'10 snin.

L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Kolombja żdiedu minn EUR 5,5 biljun fl-2012 għal EUR 6,5 biljun fl-2015, iżda naqsu bi 15 % fl-2016 għal EUR 5,4 biljun. Dan huwa konformi mat-tendenza ta' importazzjonijiet imnaqsa lejn il-Kolombja mill-bqija tad-dinja.

L-importazzjonijiet tal-UE mill-Kolombja ammontaw għal EUR 5,4 biljun fl-2016, li naqsu minn EUR 6,7 biljun fl-2015 u EUR 8,6 biljun fl-2012 (tnaqqis ta' 37,5 %). Madankollu, l-esportazzjonijiet ġenerali tal-Kolombja naqsu bi 48 % matul l-istess perjodu.

Tabella 1: Kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Kolombja fil-prodotti 2012-2016 (miljuni ta' EUR)



Sors: Eurostat

Effetti settorjali

F'termini tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Kolombja, l-iktar kategoriji importanti fl-2016 huma:

- Makkinarju u apparat mekkaniku (HS84), 16,1 % tal-esportazzjonijiet tal-UE, li naqsu b'24,6 % meta mqabbel mal-2012, prinċipalment minħabba domanda aktar baxxa għall-investiment;

- Prodotti farmaceutiċi (HS30), 13 % tal-esportazzjonijiet, li żdiedu bi 12,5 %;
- Vetturi u partijiet (HS87), 8,5 % tal-esportazzjonijiet tal-UE, li żdiedu bi 2,1 %;
- Strumenti mediċi (u oħrajn) (HS90) u plastiks u oġġetti tal-plastik (HS39) żdiedu kull wieħed bi 11 %;
- L-esportazzjonijiet totali tal-UE ta' prodotti agrikoli (minn HS01 sa HS24) żdiedu bi 82 % mill-2012, tendenza fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji tal-prodotti attribwita l-aktar għall-progress fl-implimentazzjoni tal-kapitolu Sanitarju u Fitosanitarju.

Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-UE mill-Kolombja, il-kategoriji ewlenin huma:

- Minerali (HS27), 51,3 % tal-importazzjonijiet tal-UE, kontra 68,5 % fl-2012;
- Frott (HS08), 18 % kważi rdoppja minn 9,6 % fl-2012 (minbarra l-banana, frott tropikali ieħor irreġistra żieda importanti);
- Kafè (HS09), li żdied b'44,9 %, issa jirrappreżenta 10,9 % tal-importazzjonijiet tal-UE;
- L-importazzjonijiet totali tal-UE ta' prodotti agrikoli (minn HS01 sa HS24) żdiedu bi 32,9 % mill-2012.

Il-Perù


L-UE hija t-tielet sieħeb kummerċjali tal-Perù, wara ċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerika. Fl-2016, il-kummerċ bilaterali naqas fit, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fid-domanda esterna u t-tnaqqis fil-prezzijiet globali tal-materja prima. Il-kummerċ globali tal-Perù mal-bqija tad-dinja naqas bi 18 % bejn l-2012 u l-2016, meta mqabbel mal-11 % mal-UE.

Il-kummerċ bilaterali ammonta għal EUR 8,7 biljun fl-2016, tnaqqis ta' 11 % meta mqabbel mal-2012, bl-UE tnaqqas id-defiċit kummerċjali tagħha meta mqabbel mal-2012.

L-importazzjonijiet tal-UE mill-Perù naqsu b'4 % mill-2012, meta mqabbla ma' tnaqqis fl-esportazzjonijiet globali mill-Perù ta' 14 %.

L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Perù kibru b'4 % matul l-istess perjodu, b'kuntrast ma' tnaqqis ta' 22 % fl-importazzjonijiet totali mill-Perù.

Tabella 2: Kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Perù fil-prodotti 2012-2016 (miljuni ta' EUR)



Sors: Eurostat

Effetti settoriali

F'termini tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Perù, l-aktar kategoriji importanti fl-2016 huma:

- Makkinarju u apparat mekkaniku (HS84), 27 % tal-esportazzjonijiet meta mqabbel mal-34 % fl-2012;
- Tagħmir elettriku (HS85), 9 % tal-esportazzjonijiet, tnaqqis ta' 15 % mill-2012;
- Vetturi bil-mutur (HS87), 8 % tal-esportazzjonijiet, bil-karozzi żdiedu bi 17 % u trakkijiet b'9%;
- Prodotti farmaċewtiċi (HS30), 5 % tal-esportazzjonijiet tal-UE (żieda ta' 76 % mill-2012);
- Prodotti agrikoli (minn HS01 sa HS24) żdiedu bi 73 % mill-2012 partikolarment spirti (b'60 %), preparazzjonijiet ta' ikel għall-użu mit-trabi (b'277 %) u preparazzjonijiet tal-ħxejjex (b'156 %).

Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-UE mill-Perù, il-kategoriji ewlenin huma:

- Minerali, gagazza u rmied (HS26), 24 % tal-importazzjonijiet kollha tal-UE, iżda b'tnaqqis ta' 40 % mill-2012;
- Fjuwils u żjut minerali (HS27), 7 % tal-importazzjonijiet tal-UE, tnaqqis ta' 48 % mill-2012;
- Frott (HS08), issa 18 % tal-importazzjonijiet tal-UE, żdied b'120 % (prodotti ewlenin huma avokado, għeneb tal-mejda, mango, mirtilli minbarra l-banana);
- Kafè (HS09), issa t-tielet l-akbar kategorija ta' importazzjoni tal-UE b'7 % tal-importazzjonijiet, għalkemm jonqos bi 32 % mill-2012, prinċipalment minħabba problema tal-pesti;
- Ħut u molluski (HS03), 5 % ta' importazzjonijiet b'żieda ta' 30 %;
- Ħxejjex (HS07), 4 % tal-importazzjonijiet (li 77 % minnhom huma asparagu), li żdiedu bi 22 %.
- Il-kawkaw żdied b'226 % u jirrappreżenta 5 % tal-importazzjonijiet tal-UE.

3.2 Kummerċ fis-Servizzi u Investiment

3.2.1. Kummerċ fis-Servizzi

Tabella 3: Kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Kolombja fis-servizzi 2010-2015 (miljuni ta' EUR)

	2010	2011	2012	2013	2014	2015
Importazzjonijiet UE28	987	1 355	1 447	1 434	1 615	1 496
Esportazzjonijiet UE28	1 953	2 636	2 857	2 576	2 485	2 866
Bilanċ	967	1 281	1 410	1 141	870	1 370
Kummerċ totali	2 940	3 992	4 304	4 010	4 100	4 362

Sors: Eurostat

Il-Kolombja, il-kummerċ bilaterali fis-servizzi baqa' stabbli fl-2015 b'EUR 4,3 biljun. Skont l-istatistiċi Kolombjani, is-sehem tal-UE fil-kummerċ totali tas-servizzi tal-Kolombja kien jirrappreżenta 16,2 % fl-2016.

Tabella 4: Kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Perù fis-servizzi 2010-2015 (miljuni ta' EUR)

	2010	2011	2012	2013	2014	2015
Importazzjonijiet UE28	898	849	855	831	879	803
Esportazzjonijiet UE28	1 067	1 094	1 503	1 704	1 472	1 667
Bilanċ	169	245	648	873	593	864
Kummerċ totali	1 964	1 943	2 358	2 535	2 351	2 469

Sors: Eurostat

Għall-Perù, il-kummerċ bilaterali fis-servizzi żdied b'5 % fl-2015 meta mqabbel mal-2012. Filwaqt li l-esportazzjonijiet tal-UE żdiedu bi 11 %, l-esportazzjonijiet tal-Perù naqsu b'6 % matul dan il-perjodu. Fuq il-bażi tal-istatistika tal-Perù, is-sehem tal-UE fil-kummerċ totali tas-servizzi tal-Perù kien jirrappreżenta kważi 30 % fl-2015.

3.2.2. Investiment

Tabella 5: Flussi u stokks ta' investiment UE-Kolombja 2013-2015 (miljuni ta' EUR)

	Eżoġeni			Endoġeni		
	2013	2014	2015	2013	2014	2015
Stokks	4 788	4 248	4 418	17 528	16 258	18 163
Flussi	1 365	-192	371	-278	183	1 458

Sors: Eurostat

L-UE hija l-ewwel investitur barrani fil-Kolombja. L-istokks tal-FDI tal-UE fil-Kolombja żdiedu b'4 % bejn l-2013 u l-2015, li jammontaw għal EUR 18,2 biljun fl-2015. L-istokks tal-FDI tal-Kolombja fl-UE naqsu bi 8 % mill-2013, li jammontaw għal EUR 4,4 biljun fl-2015.

Tabella 6: Flussi u stokks ta' investiment UE-Perù 2013-2015 (miljuni ta' EUR)

	Eżoġeni			Endoġeni		
	2013	2014	2015	2013	2014	2015
Stokks	243	245	1 536	9 135	9 512	10 465
Flussi	129	264	672	4	618	1 473

Sors: Eurostat

L-UE hija l-ewwel investitur barrani fil-Perù. L-istokks tal-FDI tal-UE fil-Perù żdiedu bi 15 % bejn l-2013 u l-2015, li jammontaw għal EUR 10,4 biljun fl-2015. L-istokks tal-FDI tal-Perù fl-UE żdiedu għal EUR 1,5 biljun fl-2015, żieda ta' 533 % meta mqabbel mal-2013.

3.3 Rata tal-Utilizzazzjoni tal-Preferenzi

L-użu tal-preferenzi tariffarji jista' jiġi stmat billi tiġi vvalutata l-frazzjoni tal-fluss tal-kummerċ imwettaq fil-qafas tal-Ftehim.

L-istatistika tal-UE tindika li aktar minn 95 % tal-esportazzjonijiet tal-Kolombja u tal-Perù lejn l-UE huma magħmula taħt il-patroċinju tal-Ftehim.

Fuq il-bażi tal-istatistika mill-Kolombja, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi mill-UE fil-Kolombja kienet ta' 70,6 % fl-2016 (kontra 55,7 % fl-2014, li tindika li esportaturi tal-UE qed jagħmlu użu aħjar minn dan il-Ftehim). Ma kienx possibbli li tinkiseb statistika dwar rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi mill-UE fil-Perù.

3.4 L-impatt fuq l-SMEs

Skont id-*data* mill-awtoritajiet **Kolombjani**, 2 002 kumpaniji esportaw lejn l-UE fl-2016, meta mqabbel mal-1 656 fl-2012. Fost dawk li jesportaw mill-inqas USD 10 000 lill-UE, 314 huma Intrapriżi Żgħir u Medji (SMEs)⁵ u 634 huma mikrointrapriżi⁶. L-SMEs huma rappreżentati b'mod qawwi f'esportazzjonijiet mhux minerali, li żdiedu b'35 % mill-2012. Il-mikrointrapriżi żiedu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE b'81 % mill-2012.

Skont il-Bord għall-Promozzjoni tat-Turiżmu u l-Esportazzjoni tal-**Perù**, mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, 2 269 kumpanija ġdida esportat lejn l-UE, li minnhom 857 kienu mis-settur agroindustrijali u 458 mis-settur tat-tessuti. Kumpaniji ġodda li jesportaw huma prinċipalment SMEs (95,3 %), f'esportazzjonijiet li qed jikbru malajr ta' prodotti, bħall-frott, il-ħxejjex, il-preparazzjonijiet tal-ikel u l-prodotti tas-sajd.

4. L-ATTIVITAJIET TAL-KORPI TA' IMPLIMENTAZZJONI

It-tielet laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali UE - Kolombja / Perù saret fid-9 ta' Diċembru 2016 fi Brussell, il-Belġju, b'laqgħat preċedenti tat-tmien Sottokumitati kollha. Il-konklużjonijiet ewlenin ta' dawn il-laqgħat huma kif ġej:

a) Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Orġini (28-29 ta' Novembru 2016 - permezz ta' konferenza bil-vidjow)

Il-partijiet iddiskutew id-dispożizzjoni li tiddefinixxi t-trasport dirett, li tikkonċerna bidla possibbli biex tippermetti l-qsim ta' kunsinni għal prodotti li jgħaddu minn pajjiż terz. Ma ntlaħaq l-ebda ftehim u l-kwistjoni se tiġi eżaminata aktar.

L-UE qajmet il-kwistjoni tal-istima żejda tad-dwana fil-Perù għall-importazzjoni tal-bajd tat-trota. Il-Perù spjega li l-kwistjoni kienet ġiet ittrattata u l-valur tad-dwana se jkun ibbażat fuq il-valur tat-tranżazzjoni ma' importaturi intitolati għal rifużjonijiet ta' kwalunkwe dazju żejjed.

Il-Kolombja u l-Perù semmew kwistjonijiet relatati mal-prova tal-orġini u man-numru ta' talbiet ta' verifika minn Spanja.

⁵ SME hija kumpanija li tesporta bejn USD 500 000 u USD 5miljun FOB b'kollox.

⁶ Mikrointrapriża tesporta b'kollox inqas minn USD 500 000.

b) Sottokomitat dwar l-Akkwist tal-Gvern (2 ta' Diċembru 2016 - permezz ta' konferenza bil-vidjow)

Mal-Perù, l-UE esprimiet tħassib li speċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jirreferu għal standards b'tali mod li jgħallqu barriera għall-operaturi tal-UE biex ikollhom aċċess għas-suq tal-akkwist.

Fir-rigward tal-Kolombja, l-UE semmiet l-aċċess għas-suq f'livell sub-ċentrali, notevolment għal entitajiet deċentralizzati (muniċipali) responsabbli għall-infrastruttura. Il-Partijiet qablu li jkomplu d-diskussjonijiet biex isibu soluzzjoni.

c) Sottokomitat dwar Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (5 ta' Diċembru 2016 - għall-Perù permezz ta' konferenza bil-vidjow)

Mal-Kolombja, l-UE semmiet l-implimentazzjoni tas-Subsistema Nazzjonali tal-Kwalità, b'mod partikolari bidliet introdotti fi Prattiki regolatorji, li jaffettwaw l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi. Il-Partijiet iddiskutew l-inizjattivi li jiffaċilitaw il-kummerċ dwar il-valutazzjoni tal-konformità biex itejbu r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni mwettqa fit-territorju tal-Partijiet l-oħra. Il-Kolombja ppreżentat proposta għar-rikonoxximent ta' ċertifikati bħal dawn.

Fil-konfront tal-Perù, l-UE semmiet it-tħassib dwar ir-rikonoxximent tal-Istati Membri bi status ta' "monitoraġġ qawwi tas-saħħa" għall-esportazzjonijiet ta' prodotti farmaċewtiċi u mezzi mediċi u insista li l-Istati Membri kollha jirċievu l-istess trattament.

d) Sottokomitat dwar Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (6-7 ta' Diċembru 2016)

Il-Partijiet għarfu progress fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-SPS, b'mod partikolari fl-istabbiliment ta' kundizzjonijiet armonizzati ta' importazzjoni u ċertifikazzjoni għal prodotti tal-ħalib u prodotti tal-laħam. Il-Perù u l-Kolombja aċċettaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-reġjonalizzazzjoni, u t-tneħħija tal-ħtieġa "l-annimali għandhom jitwiċċdu, jitkabbru u jinqatlu fl-istess Stat Membru". Il-Perù u l-Kolombja esprimew interess li jikkooperaw mal-UE dwar ir-reżistenza antimikrobika. Dwar il-benessri tal-annimali, il-Kolombja u l-Perù kkonfermaw interess b'kollaborazzjoni u bi skambju ta' informazzjoni dwar azzjonijiet f'dan il-qasam. Il-partijiet qablu dwar pjan ta' ħidma biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ.

e) Sottokomitat dwar l-Agrikoltura (7 ta' Diċembru 2016)

Il-Partijiet analizzaw il-flussi kummerċjali u l-użu tal-kwoti, il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana u l-programm ta' appoġġ tal-UE lis-settur tal-ħalib Kolombjan u l-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni ulterjuri f'kwistjonijiet agrikoli.

Fir-rigward tal-ispirti, li huma soġġetti għal soluzzjoni kontinwa ta' tilwim fid-WTO, il-Kolombja infurmat li ġiet adottata liġi ġdida dwar l-ispirti. L-UE semmiet it-tħassib dwar it-taxxi diskriminatorji fil-Perù bejn Pisco u l-ispirti importati, kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar l-analiżi tal-metalli tqal li teskludi lil Pisco iżda hija imposta fuq oġġetti importati simili.

f) Is-sottokomitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (7-8 ta' Diċembru 2016)

Il-Partijiet kellhom laqgħat tal-istituzzjonijiet inkarigati mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim (ara l-Parti 5 hawn taħt).

g) Sottokumitat dwar il-Proprietà Intellettwali (8 ta' Diċembru 2016)

Id-diskussjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) kopriet il-problemi li fadal fir-reġistrazzjoni tal-IG, kwistjonijiet ta' infurzar u riflessjonijiet dwar proċedura ssimplifikata għall-aġġornamenti tal-listi ta' IG. Il-Perù u l-Kolombja wrew l-intenzjoni li jżidu l-IG il-ġodda li għandhom jiġu protetti.

Fuq IPR oħra, l-UE semmiet il-punti relatati mal-privattivi farmaċewtiċi: mal-Kolombja, it-tħassib dwar ir-rwol tal-Ministeru tas-Saħħa fl-eżami tal-brevetti u mal-Perù, il-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* regolatorja (bħal pereżempju *data* dwar testijiet kliniċi). L-UE semmiet il-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati: fil-Kolombja, dwar l-infurzar tad-"dritt pubbliku ta' prestazzjoni" fuq it-trasport pubbliku u fil-Perù, il-problemi relatati mas-soċjetajiet kolletturi f'termini ta' trasparenza, id-distribuzzjoni ta' dħul u s-superviżjoni.

L-UE semmiet il-kwistjonijiet dwar l-infurzar, ibbażati fuq it-tħassib tal-partijiet interessati. Il-Perù informa dwar żviluppi pożittivi, bħall-proċeduri aktar rapidi u l-adozzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni, kif ukoll ix-xogħol li għadu għaddej biex jissaħħu l-qradi IP. Il-Kolombja rreferiet għall-istrateġija l-ġdida tagħhom ta' infurzar dwar oqsma ta' prijorità, li kienet taħt reviżjoni ta' implimentazzjoni tal-ewwel sena.

h) Sottokumitat dwar l-Aċċess għas-Suq (8 ta' Diċembru 2016)

Il-partijiet skambjaw fehmiet dwar il-flussi tal-kummerċ, inkluż l-użu ta' preferenzi u kwoti ta' rati tariffarji.

Dwar l-aċċess għas-suq mal-Kolombja, l-UE enfasizzat it-tħassib dwar il-politika dwar l-iskrappjar tat-trakkijiet. Il-Kolombja rreferiet għal regolament ta' implimentazzjoni ġejjieni għad-Digriet 1517 biex itejjeb l-aċċess għas-suq sakemm il-politika titneħħa kompletament sal-aħħar tal-2018. L-UE semmiet ukoll l-applikazzjoni ta' limitu ta' FOB ta' USD 30 000, li fuqu ġiet applikata rata tat-taxxa ogħla għall-karozzi tal-passiġġieri mibjugħa kif ukoll l-obbligu, promulgat fi 11-il dipartiment Kolombjan, li jwāhħlu bolol tal-istrixxi għal birer importati.

Fir-rigward tal-Perù, l-UE semmiet it-tħassib dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' rtirar tad-dazju tiegħu.

Kumitat tal-Kummerċ — (9 ta' Diċembru 2016)

Il-Kumitat tal-Kummerċ ħa kont tal-ħidma fis-sottokumitati. L-UE tenniet xi wħud mit-tħassib ewlieni tagħha, b'mod partikolari: trasport dirett u tqassim ta' kunsinni fil-Kolombja u fil-Perù, aċċess għas-suq tal-UE għall-akkwist pubbliku f'livell sub-ċentrali fil-Kolombja, diskriminazzjoni kontinwa ta' spirti importati fil-Perù, nuqqas ta' infurzar għall-IG fil-Perù (Oporto u Feta), l-obbligu biex jitwāhħlu bolol tal-istrixxi f'xi dipartimenti fil-Kolombja. Il-Perù semma t-tħassib dwar ir-Regolament tal-UE (UE) 2015/2283 dwar ikel ġdid.

L-UE tat aġġornament dwar ir-ratifiki tal-Ftehim mill-Istati Membri tagħha. Il-Kolombja u l-Perù infurmaw dwar il-proċess ta' ratifika tal-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Kroazja. Il-Partijiet laqgħu l-proċess kontinwu ta' ratifika tal-Protokoll tal-Adeżjoni tal-Ekwador u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu mill-1 ta' Jannar 2017.

5. IMPLIMENTAZZONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

5.1. Is-sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

It-tielet laqgħa tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem is-“Sottokumitat”) saret fi Brussell fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2016.

5.1.1. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati max-xogħol

L-UE infurmat dwar ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet ILO mill-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari l-Protokoll tal-2014 dwar ix-Xogħol Furzat u l-Konvenzjonijiet tal-ILO dwar il-Ħaddiema Domestiċi u dwar ix-Xogħol fis-Sajd. Hija informat dwar il-Pjattaforma Ewropea dwar Xogħol mhux Iddikjarat bħala għodda biex tindirizza l-ekonomija informali u dwar rieżami kontinwu tal-leġislazzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-UE. L-UE esprimiet tħassib dwar il-kwistjonijiet ta' xogħol imqajma mis-sistema ta' sorveljanza tal-ILO, u kompliet tteġġegħ lill-Kolombja u lill-Perù biex jittrattaw in-nuqqasijiet identifikati u jtejbju l-implimentazzjoni effettiva tal-Istandards Internazzjonali tax-Xogħol.

Il-Kolombja ddeskriviet riformi mmirati biex jiżguraw il-libertà ta' assoċjazzjoni għall-ħaddiema u l-progress fit-tnaqqis tal-livelli ta' impunità u vjolenza, kif ukoll ir-ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Domestiċi tal-ILO. Il-Kolombja infurmat ukoll dwar ix-xogħol biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-politika tax-xogħol fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni għall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD). Il-Kolombja enfasizzat esperjenzi pożittivi bid-djalogu soċjali u b'mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti tax-xogħol. Hija nnotat l-isfidi mressqa mill-proċess ta' paċi rigward ix-xogħol deċenti u l-informalità f'żoni rurali. Hija tat aġġornament dwar miżuri mmirati biex isaħħu l-ispezzjoni tax-xogħol u jindirizzaw il-prattiki tas-subkuntrattar u tax-xogħol informali.

Il-Perù stabbilixxa l-prijoritajiet tal-gvern il-ġdid: formalizzazzjoni; djalogu soċjali; prevenzjoni u eradikazzjoni tax-xogħol tat-tfal u dak sfurzat; spezzjoni tax-xogħol. Huwa rrefera għar-ratifika reċenti tiegħu tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Ħarsien tal-Maternità u l-mekkaniżmi li jinvolvu l-imsieħba soċjali permezz tal-Kunsill Nazżjonali tax-Xogħol u l-Promozzjoni tal-Impjiegi.

5.1.2. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ambjent

L-UE enfasizzat l-iżviluppi skont ftehim ambjentali multilaterali, u azzjonijiet biex timplimenta l-impenji tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi. Dwar il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Speċijiet fil-Periklu (Convention on International Trade in Endangered Species, CITES), l-UE ħeġġet lill-Kolombja biex timplimenta l-impenji tagħha fuq mekkaniżmi ta' kontroll b'saħħithom għall-kummerċ tal-ġlud tal-kukkudrill u l-kajman elenkati fil-CITES. Il-Kolombja indikat li se terġa' lura għall-UE b'informazzjoni addizzjonali dwar il-miżuri adottati biex tindirizza din il-kwistjoni. L-UE ppreżentat il-pakkett ta' ekonomija ċirkolari u l-interess tagħha fl-aqgħat kummerċjali relatati lejn il-Kolombja.

Il-Perù enfasizza l-assi strateġiċi tiegħu "Perù Limpjo" u "Perù Natural" u l-prijoritajiet tal-gvern il-ġdid: użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika,

speċjalment il-foresti; adattament u mitigazzjoni tal-bidla fil-klima; ġestjoni effiċjenti tal-iskart solidu; immaniġġar integrat taż-żona kostali; prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis u l-ekoeffiċjenza. Huwa enfasizza l-ħtieġa għal qafas istituzzjonali adegwat u għal xogħol fis-setturi kollha u f'livelli differenti ta' gvern.

5.2. Konsultazzjoni domestika u sessjonijiet tas-Sottokumitat mas-soċjetà ċivili

Konsultazzjoni domestika

Mit-twaqqif tiegħu, il-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili tal-UE ("grupp konsultattiv domestiku") ltaqa' ħames darbiet, filwaqt li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew pprova tliet membri kif ukoll is-Segretarjat.

Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Kolombjana kellhom diversi laqgħat fid-Delegazzjoni tal-UE f'Bogota, inkluża waħda mal-President tal-grupp konsultattiv domestiku tal-UE, biex jiddiskutu l-possibbiltà li jistabbilixxu sotto-grupp(i) tal-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tiegħu biex isegwu l-Ftehim.

Sessjoni tas-Sottokumitat mas-soċjetà ċivili

Ġiet organizzata sessjoni miftuħa tas-Sottokumitat mas-soċjetà ċivili fit-8 ta' Diċembru 2016 b'madwar 60 rappreżentant. Kienet trażmessa diretta fuq l-internet. Il-Partijiet infurmaw lis-soċjetà ċivili dwar id-diskussjonijiet tas-Sottokumitat permezz ta' rapport bil-fomm u bil-miktub, segwit minn sessjoni u dibattitu ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-UE, il-Kolombja u l-Perù ssottomettew dikjarazzjoni konġunta li qajmet kwistjonijiet ta' xogħol, ambjent u drittijiet tal-bniedem, aċċess għal swieq għal produtturi żgħar u SMEs u għamlet rakkomandazzjonijiet dwar il-parteciġazzjoni tas-soċjetà ċivili.

5.3. Aktar xogħol u attivitajiet oħra

In-naħat kollha qablu li jintensifikaw il-kuntatti biex jiżviluppaw attivitajiet li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Minbarra l-ambjent u x-xogħol, il-Partijiet iddiskutew hídma potenzjali dwar il-Kondotta Responsabbli tan-Negożju / Responsabbiltà Soċjali Korporattiva bħala strument trasversali.

Bit-talba mill-Kolombja u l-Perù, l-UE organizzat seminar tekniku fis-6 ta' Diċembru 2016 b'konnessjoni bil-vidjow ma' Bogota u Lima, fejn ippreżentat u ddiskutiet metodoloġiji użati fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Il-Kolombja

F'Diċembru 2016, l-UE ħadet sehem f'seminar reġjonali tal-OECD fil-Kolombja dwar il-ktajjen tal-provvista tal-minerali responsabbli, li ffukaw fuq ir-Regolament li jmiss dwar il-minerali ta' kunflitt. Bħala riżultat, id-Delegazzjoni tal-UE f'Bogota waqqfet grupp ta' koordinazzjoni dwar it-tħaffir illegali ma' ambaxxati oħra biex jikkoordinaw pożizzjonijiet u jippjanaw azzjonijiet konġunti.

Matul iż-żjara tal-Kummissarju tal-UE għall-Agrikoltura Phil Hogan fi Frar 2016, l-UE u l-Kolombja qablu li jibdew negożjati dwar ftehim bilaterali dwar il-kummerċ fi prodotti organiċi.

Ġew organizzati numru ta' avvenimenti biex tizzied il-viżibiltà fuq l-iżvilupp sostenibbli u r-rabta tiegħu mal-proċess ta' paċi, inklużi żjarat f'żoni affettwati mill-kunflitt. L-aħħar avveniment kien konferenza fi Frar 2017 dwar kif il-Ftehim Kummerċjali jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi fil-kuntest tal-proċess ta' paċi. Biex jiżied il-fehim tas-sitwazzjoni tax-xogħol fil-Kolombja, id-Delegazzjoni tal-UE organizzat workshop ta' tlett (3) ijiem biex tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-istandards tax-xogħol.

Il-Perù

Bħala parti mill-proġett "Promozzjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva / Kondotta tan-Negożju Responsabbli fl-Amerika Latina u l-Karibew - Fażi pilota", id-Delegazzjoni tal-UE fil-Perù organizzat is-seminar "Lejn sħubija OECD: Promozzjoni tal-Kondotta Responsabbli tan-Negożju fil-Perù" f'Lima fid-29 ta' Novembru 2016.

Id-Delegazzjoni tal-UE fil-Perù pparteċipat f'NEXOS +1, seminar dwar mudelli tan-negożju ambjentalment sostenibbli li saru f'Lima fl-24 ta' Ottubru 2016.

6. OQSMA SPEĊIFIĊI SOĠĠETTI GĦAL RAPPORTAR JEW MONITORAĠĠ

6.1. Użu ta' Kwoti ta' Rati Tariffarji

Il-Ftehim jipprovdi għal kwoti ta' rati tariffarji (tariff rates quotas, TRQs) li jagħtu lill-Parti l-oħra trattament tariffarju preferenzjali sal-limitu kwantitattiv tal-kwota, li 'l fuq minnu l-importazzjonijiet huma soġġetti għat-tariffa applikabbli tan-Nazzjon l-Aktar Favorit.

Kwoti tariffarji stabbiliti mill-UE

It-Tabelli 7 u 8 juru r-rati ta' utilizzazzjoni tat-TRQs stabbiliti mill-UE għall-Kolombja u l-Perù. Jissemew biss it-TRQs użati biss.

L-użu mill-Kolombja tat-TRQ għaz-zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur żdied minn 88,4 % għal 96,2 %. TRQs oħra bilkemm huma utilizzati jew ma huma utilizzati xejn.

Tabella 7: Rata ta' utilizzazzjoni tat-TRQs tal-UE mill-Kolombja

	2013	2014	2015	2016
Zokkor tal-kannamieli u sukrożju kimikament pur	88,4 %	85,72 %	93,8 %	96,2 %
Prodotti taz-zokkor oħrajn	1,37 %	1,32 %	1,23 %	1,5 %

Sors: TAXUD, Bażi tad-Data ta' Sorveljanza

TRQ għal zokkor tal-kannamieligiet utilizzata kważi għal kollox mill-Perù mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. TRQ għall-qamħ għandu wkoll rata għolja ta' utilizzazzjoni. Il-Perù qed jibda jieħu vantaġġ mit-TRQ fuq it-tewm. TRQs oħra għandhom rata ta' utilizzazzjoni baxxa ħafna.

Tabella 8: Rata ta' utilizzazzjoni ta' TRQs tal-UE mill-Perù

	2013	2014	2015	2016
Zokkor tal-kannamieli	100 %	100 %	3,5 %	99,8 %

Qamħirrum ħelu	21 %	76 %	83,2 %	87,3 %
Tewm	0 %	0 %	2,4 %	53,8 %
Rum	0 %	0 %	0 %	7 %
Qamħirrun	0,7 %	2,9 %	1,8 %	6,1 %
Prodotti taz-zokkor	0,02 %	0,01 %	0,16 %	0,1 %

Sors: TAXUD, Bażi tad-Data ta' Sorveljanza

Kwoti tariffarji stabbiliti mill-Kolombja

L-UE qed tuża bis-sħiħ it-TRQs stabbiliti għall-faqquiegh, prodotti tal-ħalib bħal jogurt u ħalib u krema fi trab, xorrox, preparazzjonijiet għal użu tat-trabi u qamħ ħelu, u tuża ħafna inqas TRQ fuq il-ġelat (għalkemm l-użu qed jiżdied), u bilkemm it-TRQs tagħha fuq il-ġobon (medja ta' 8 %) u hlewriet taz-zokkor (medja ta' 3 %).

Tabella 9: Rata tal-użu tat-TRQs tal-Kolombja mill-UE

	2013	2014	2015	2016
Faqquiegh	1,6 %	5 %	100 %	100 %
Ħalib u krema fi trab	0 %	34,9 %	100 %	100 %
Xorrox	57,6 %	50 %	92,9 %	Ma hemmx iżjed TRQ
Preparati tal-ikel għall-użu mit-trabi	40,4 %	67,5 %	99,1 %	100 %
Jogurt	0 %	0,5 %	0,8 %	100 %
Qamħirrum ħelu	0,42 %	54,2 %	100 %	100 %
Ġelat	5,26 %	13,4 %	7,4 %	25,9 %
Ġobon	9 %	8 %	8,2 %	7,9 %
Prodotti taz-zokkor	1,8 %	3,4 %	3,1 %	3,8 %

Sors: DIAN (Dirección de Impuestos y Aduanas Nacionales)

Kwoti tariffarji stabbiliti mill-Perù

L-UE qed tuża bis-sħiħ it-TRQ għall-butir u t-trab tal-ħalib, u kważi kompletament għall-ġelat. TRQs oħrajn bilkemm jintużaw.

Tabella 10: Rata tal-użu tat-TRQs tal-Perù mill-UE

	2013	2014	2015	2016
Butir	0 %	0 %	96,0 %	100 %

Ġobon	0 %	0 %	0 %	4,3 %
Ġelat	58,6 %	89,6 %	98,5 %	95,6 %
Trab tal-ħalib	0 %	4,1 %	99,7 %	100 %
Ġalib għat-trabi	0 %	0 %	0 %	29,9 %
Ċwingamm	0,3 %	0 %	0,1 %	2,2 %
Zokkor	0 %	0 %	0 %	0,8 %
Rum	3,5 %	0,0 %	3,5 %	5,8 %

Sors: SUNAT (Superintendencia Nacional de Aduanas y de Administración Tributaria)

6.2. L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana

Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra⁷ (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament") jipprovdì l-possibbiltà li tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja jew jiġu introdotti miżuri ta' sorveljanza minn qabel taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament. Skont l-Artikoli 3 u 13 tar-Regolament, il-Kummissjoni ilha ssegwi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-banana friska (HS 08039010) mill-Kolombja u l-Perù.


Fl-2015, l-importazzjonijiet ta' banana friska mill-Perù żdiedu bi kważi 5 % fil-volum meta mqabbel mal-2014. Din it-tendenza kompliet fl-2016, b'żieda ta' kważi 10 % meta mqabbla mal-2015. Fl-2015 u l-2016, l-importazzjonijiet tal-UE mill-Perù laħqu f'Ottubru l-ammont attiv ta' importazzjoni stabbilit mill-Ftehim (86 250 tonnellata fl-2015 u 90 000 tonnellata fl-2016). Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt fuq is-suq tal-banana tal-UE, b'kont meħud, *inter alia*, tal-effett fuq il-livell tal-prezzijiet, l-iżviluppi tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra u l-istabbiltà kumplessiva tas-suq tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni kkonkludiet: (1) li billi l-importazzjoni tal-UE ta' banana friska mill-Perù rrappreżentat madwar 4 % biss tal-importazzjoni totali fl-2015 u naqra inqas minn 2 % fl-2016, (2) l-importazzjonijiet ta' banana friska minn pajjiżi esportaturi tradizzjonali oħra baqgħu sew taħt il-livell limitu stipulat fil-mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni komparabbli, (3) il-prezz bl-ingrossa medju tal-banana ma rreġistrax kambjament notevoli u (4) ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' effett negattiv għall-istabbiltà tas-suq tal-UE, il-produtturi tal-UE jew ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-UE, is-sospensjoni tad-dazji preferenzjali fuq il-banana li toriġina mill-Perù ma kinitx xierqa⁸.

⁷ ĠU L 17, 19.01.2013, p. 1.

⁸ ĠU L 328, 12.12.2015, p. 116 u ĠU L 326, 1.12.2016, p. 16.


**Tabella 11: Importazzjonijiet tal-UE tal-banana mill-Perù fl-2015 u l-2016
(volumi aggregati f'tunnellati)**



Fl-2015, l-importazzjonijiet tal-banana friska mill-**Kolombja** fl-UE żdiedu b'21 % f'volum meta mqabbla mal-2014. Madankollu, fl-2016, naqsu b'4 % meta mqabbla (minn 1 307 458 tonnellata fl-2015 għal 1 249 513 -il tonnellata fl-2016).

Il-Kolombja baqgħet b'mod sinifikanti taħt (f'madwar 75 %) il-volum attiv ta' importazzjoni kif stabbilit bil-Ftehim, jiġifieri 1 687 500 tonnellata fl-2015 u 1 755 000 tonnellata fl-2016.

**Tabella 12: Importazzjonijiet tal-UE tal-banana mill-Kolombja fl-2015 u l-2016
(volumi aggregati f'tunnellati)**



7. KONKLUŻJONIJIET

Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim qed jaħdem tajjeb b'mod ġenerali. Huwa ċar li t-tnaqqis ekonomiku fl-Amerika Latina u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-komoditajiet fis-suq dinji affettwaw il-flussi kummerċjali. Madankollu, it-tnaqqis fil-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Kolombja (23,5 %) u bejn l-UE u l-Perù (11 %) huwa inqas mit-tnaqqis ġenerali tal-kummerċ ta' dawn il-pajjiżi mad-dinja (madwar 36 % għall-Kolombja u 18 % għall-Perù).

Filwaqt li s-sehem ta' prodotti minerali fl-esportazzjonijiet tal-Kolombja u l-Perù lejn l-UE naqas u llum huwa sinifikament aktar baxx milli lejn il-bqija tad-dinja, il-Ftehim ikkontribwixxa għad-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet taż-żewġ pajjiżi. Il-Ftehim ipprova opportunitajiet għal esportazzjonijiet ġodda, notevolment għall-prodotti agrikoli, li issa huma element ewlieni fl-istruttura tal-esportazzjoni għall-UE kemm tal-Kolombja kif ukoll tal-Perù, li huma responsabbli rispettivament għal kważi 40 % u 51 % tal-valur tal-esportazzjonijiet totali lejn l-UE. Din id-diversifikazzjoni wasslet ukoll għal espansjoni importanti fin-numru ta' esportaturi ġodda lejn l-UE, notevolment Intrapriżi Żgħira u Medji, li huma rappreżentati sew fil-kategoriji ta' esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li qed jikbru b'rata mgħaġġla.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim tibqa' ta' importanza kruċjali sabiex jinkisbu l-benefiċċji mistennija għaż-żewġ naħat. Filwaqt li l-implimentazzjoni sejra tajjeb f'bosta oqsma, xi oqsma jeħtieġu aktar attenzjoni, pereżempju l-implimentazzjoni mill-Perù tal-obbligi tiegħu fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji li jippermettu l-esportazzjoni tal-UE ta' prodotti agrikoli.

It-tassazzjoni tal-ispirti - kwistjoni twila fil-Kolombja u wara l-bidu tal-każ ta' Soluzzjoni tat-Tilwim mill-UE (DS502) - irregjistrat progress kbir bl-adozzjoni ta' liġi dwar ir-riforma dwar l-ispirti. Il-Liġi 1816, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017, irriformat ir-reġim tal-ispirti billi neħħiet id-diskriminazzjoni fiskali u wkoll iddixxiplanat il-monopolji eżerċitati mid-dipartimenti Kolombjani fuq il-produzzjoni, l-introduzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ispirti. Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-passi. B'kuntrast, it-tassazzjoni diskriminatorja fuq l-ispirti għadha kwistjoni mhix solvuta fil-Perù.

Id-diskussjonijiet mal-Kolombja dwar l-implimentazzjoni tal-impenji għall-aċċess għas-suq għall-akkwist fil-livell sotto-ċentrali fil-Kolombja huma wkoll pożittivi.

Iż-żewġ pajjiżi jeħtieġu jagħmlu sforzi ulterjuri biex jiżguraw l-infurzar tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fiż-żewġ pajjiżi.

L-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għamlet progress u kien hemm dialogu dejjem aktar miftuħ dwar ix-xogħol maż-żewġ pajjiżi. Madankollu, l-isfidi jibqgħu kemm fuq kwistjonijiet tax-xogħol kif ukoll fuq l-ambjent u biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan il-kapitolu, huma meħtieġa sforzi ulterjuri inklużi attivitajiet ta' kooperazzjoni.

Rigward il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-istabbiltà tas-suq tal-UE u lanqas li s-sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE kienet affettwata mil-livell tal-esportazzjonijiet Kolombjani u Peruvjani. Se jitkompla l-monitoraġġ mill-qrib u msaħħaħ tal-importazzjonijiet tal-banana u l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-implimentazzjoni tal-Ftehim mal-Kolombja u l-Perù u issa wkoll l-Ekwador sabiex iċ-ċittadini, l-operaturi ekonomiċi u partijiet interessati oħra fuq iż-żewġ naħat ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-siġħ mill-opportunitajiet li joħloq il-Ftehim. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri tal-UE u lill-Parlament Ewropew biex ikomplu jagħtu sehemhom b'mod attiv f'dan il-proċess.